



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14543/21

AUDIO 118
CULT 114
COMPET 877
MI 903
PI 124
TELECOM 447
SPACE 120

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13592/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żieda tad-disponibbiltà u l-kompetittività tal-kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żieda tad-disponibbiltà u l-kompetittività ta' kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew, kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fid-29 u t-30 ta' Novembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żieda tad-disponibbiltà u l-kompetittività tal-kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAGĦRAF LI:

1. Id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà effettiva tal-kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew huma dejjem aktar kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-media Ewropew u intrinsikament marbuta mal-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika[...] bħala vantaġġ ewlieni tal-kompetittività tiegħu.
2. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, miżuri ta' politika settorjali u orizzontali mmirati għandhom jiżguraw prominenza adegwata ta' xogħlijiet awdjoviżivi u kontenut tal-media Ewropej u jstimulaw sorsi ġodda ta' finanzjament u mudelli ta' distribuzzjoni minħabba l-preżenza dejjem akbar ta' fornituri u pjattaformi globali ta' servizzi ta' kontenut awdjoviżiv u tal-media.
3. Miżuri minn dawn huma tant aktar importanti peress li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt kbir fuq il-livell u l-istruttura tal-finanzjament tal-kontenut awdjoviżiv Ewropew. Din aċċellerat ix-xejriet tas-suq ta' żieda fil-provvista u d-domanda għall-kontenut minn fornituri online fir-rigward tas-sehem ta' xogħlijiet ċinematografiċi u xogħlijiet awdjoviżivi oħra li joriġinaw fi swieq nazzjonali differenti, ir-relazzjonijiet bejn il-ħruġ ta' xogħlijiet teatrali u ta' filmati fuq talba ("video on demand, VOD") ta' suċċess, u l-viżibbiltà mhux uniformi ta' dawn ix-xogħlijiet fis-swieq differenti¹.

¹ Yearbook 2020/2021 Key Trends, Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew (Kunsill tal-Ewropa), Strasburgu 2021, p. 20-21.

4. Biż-żieda fid-domanda għal kontenut disponibbli online, qed joħorġu mudelli ta' negozju żviluppati ta' investimenti ta' finanzjament minn fornituri ta' VOD u ta' ħruġ ta' liċenzji, filwaqt li l-maġġoranza tal-kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew għadu qed jiġi prodott minn atturi tradizzjonali bħal kumpaniji tal-media pubbliċi u privati u produtturi indipendenti li għandhom il-kapaċità għall-iżvilupp ta' proġetti ġodda u talent[...] ġdid. Filwaqt li l-finanzjament pubbliku huwa aktar importanti għal xi setturi meta mqabbel ma' oħrajn, fl-istess ħin għad hemm differenzi bejn is-sistemi u l-kapaċitajiet ta' pajjiżi differenti.
5. Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 wessgħet id-distakk bejn id-dħul mir-reklamar fuq l-internet u r-reklamar tradizzjonali. Għalkemm ir-reklamar fuq it-televiżjoni żamm il-post kompetittiv tiegħu b'mod relattivament tajjeb kontra l-użu tar-reklamar fuq l-internet sal-kriżi tal-COVID-19, is-sehem tar-reklamar online żdied fl-2021².
6. Id-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv u tal-media qed issir dejjem aktar online, b'mod partikolari permezz ta' pjattaformi online, u taqdi rwol importanti fil-fluss tad-dħul tal-kumpaniji tal-media. Peress li l-kontenut kreattiv u kulturali għandu potenzjal ekonomiku kbir għall-Ewropa kemm online kif ukoll offline, huwa importanti li jiġi żgurat aċċess ġust għalih sabiex jiġu salvagwardjati d-dibattitu demokratiku, il-pluraliżmu tal-media u d-diversità kulturali u lingwistika.
7. Sabiex jitjiebu d-disponibbiltà u l-kompetittività tal-kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew, għandha tittieħed aktar azzjoni fuq il-prijoritajiet li ġejjin:
 - a) Diversità kulturali
 - b) Promozzjoni u prominenza ta' kontenut Ewropew
 - c) Sostenibbiltà

² Yearbook 2020/2021 Key Trends, Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew (Kunsill tal-Ewropa), Strasburgu 2021, p. 46.

A. DIVERSITÀ KULTURALI

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAGĦRAF LI:

8. Peress li d-diversità kulturali u l-kreattività huma fil-qalba tas-setturi awdjoviżivi u tal-media Ewropej f'kompetizzjoni ma' kontenut ieħor disponibbli ma' kullimkien fis-suq internazzjonali, huwa importanti li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' dawn is-setturi sabiex jintlaħqu udjenzi akbar, tiżdied iċ-ċirkolazzjoni tal-kontenut u jiġu promossi d-diversi espressjonijiet, innovazzjoni u talenti tiegħu, filwaqt li fl-istess ħin jiġu ppreservati l-assi kulturali strateġiċi tagħna.
9. Is-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jiffaċilitaw aċċessibbiltà akbar, filwaqt li koproduzzjonijiet, appoġġ għad-distribuzzjoni transkonfinali, settur teatrali u tad-distribuzzjoni indipendenti ħaj, il-promozzjoni tad-diversità lingwistika u l-libertà tal-ħolqien jista' jkollhom impatt kbir fuq il-kisba ta' disponibbiltà akbar tal-kontenut u kompetittività mtejba għas-settur awdjoviżiv.

JISSOTTOLINJA LI:

10. Koproduzzjonijiet, kif ukoll kollaborazzjoni internazzjonali fost professjonisti fil-livelli kollha tal-katina tal-valur (il-ħolqien, it-taħriġ, l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-promozzjoni, id-distribuzzjoni), jiffaċilitaw id-distribuzzjoni transkonfinali ta' xogħlijiet awdjoviżivi, jikkontribwixxu biex jiżdied l-iżvilupp tas-settur f'pajjiżi sħab, u jgħinu biex jitjiebu l-iskambji kulturali u ekonomiċi.
11. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, koproduzzjonijiet internazzjonali huma soġġetti għal sistemi ta' finanzjament u kapaċitajiet awdjoviżivi differenti fl-Istati Membri, b'ishma differenti ta' kontenut varjat Ewropew fi ħdan is-swieq Ewropej u internazzjonali.

12. Sabiex xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej jirnexxu kemm fis-swieq Ewropej kif ukoll f'dawk internazzjonali, huwa ta' importanza kbira li l-kontenut jilħaq standards għoljin f'termini ta' kwalità għolja u innovazzjoni, jirrifletti d-diversità kulturali u tematika tas-soċjetà Ewropea, u fejn rilevanti jkollu appell internazzjonali.
13. Il-valur storiku u kulturali tal-arkivji awdjoviżivi jikkostitwixxi vantaġġ importanti għas-settur u jrid jiġi salvagwardjat biex jiffaċilita t-tixrid u l-użu mill-ġdid possibbli tal-kontenut fl-interess pubbliku.
14. F'termini tal-libertà ta' ħolqien, huwa importanti li jiġu ssalvagwardjati l-libertà tal-espressjoni, il-pluraliżmu tal-media u d-diversità tal-opinjoni u l-ideat, li huma fost il-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
15. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-aċċessibbiltà tal-kontenut għal persuni b'diżabilità u għall-anzjani.
16. Il-media tas-servizz pubbliku fl-Ewropa taqdi rwol sinifikanti fis-salvagwardja tal-interess pubbliku, il-promozzjoni tad-diversità tal-opinjoni, il-ħolqien ta' kontenut u ideat ġodda u innovattivi u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni.
17. Remunerazzjoni ġusta tal-awturi, il-produtturi u detenturi oħra tad-drittijiet hija essenzjali għal-libertà tal-ħolqien u l-indipendenza ekonomika tagħhom, kif ukoll għas-sostenibbiltà, l-oriġinalità u l-kompetittività tas-settur tal-media.
18. Parteċipazzjoni b'bilanċjata u soċjalment inklużiva bejn il-ġeneri tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità u t-twessigħ tal-orizzonti tal-kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX, FIL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM:

19. Jiffaċilitaw koproduzzjonijiet, partikolarment billi jippromwovu mudell Ewropew ta' koproduzzjoni, u jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni tagħhom fil-pajjiżi involuti u lil hinn, filwaqt li jqisu l-kuntest li qed jevolvi tal-investimenti mill-fornituri tal-VOD³.
20. Jinkoraġġixxu l-iskambju ta' għarfien dwar il-koproduzzjonijiet, u jrawmu kollaborazzjoni minn stadju bikri fl-iżvilupp ta' koproduzzjonijiet u fost il-professjonisti tul il-katina tal-valur kollha.
21. Jiżviluppaw politiki mtejbja biex jagħtu spinta lill-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew billi jrawmu l-ħolqien ta' kontenut Ewropew ta' kwalità għolja li jista' jogħġob lil udjenza akbar, filwaqt li jagħtu appoġġ lill-awturi bħala l-ħallieqa ewlenin tal-kontenut u lill-koproduzzjonijiet kif ukoll id-distribuzzjoni ta' kontenut oriġinali.
22. Jinkoraġġixxu disponibbiltà akbar ta' kontenut oriġinali b'verżjonijiet lingwistiċi differenti u jappoġġaw l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali li jippermettu diversità lingwistika u jiżguraw il-possibbiltà li wieħed jara l-kontenut bil-lingwa oriġinali.
23. Jippromwovu l-iżvilupp ta' għodod ta' kummerċjalizzazzjoni effiċjenti u strateġiji għall-udjenza tal-films u jsaħħu l-litteriżmu medjatiku u ċinematografiku, filwaqt li jqisu l-analiżi u l-istennijiet tal-udjenza.
24. Jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri u d-diversità soċjali fil-ħolqien tal-kontenut billi jintroduċu inċentivi biex iħeġġu lill-partijiet ikkonċernati fis-settur awdjoviżiv jaħdmu għall-ugwaljanza, id-diversità u l-inklużività, filwaqt li jirrispettaw il-libertà tal-ħolqien.
25. Jistinkaw biex jiżguraw li l-kontenut tal-arkivji nazzjonali u l-istituti tal-wirt ċinematografiku qed jiġi mħares u promoss, u jkun disponibbli fuq skala akbar, filwaqt li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali kkonċernati.

³ Ir-rapport mill-grupp ta' ħidma tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-koproduzzjonijiet f'dan il-kuntest ser ikun ta' importanza sinifikanti.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

26. Tkompli tappoġġa, permezz ta' tat-taqsimha MEDIA tal-programm "Ewropa Kreattiva", in-networks ta' servizzi tal-VOD indipendenti Ewropej li għandhom sehem għoli ta' kontenut Ewropew u jagħmluh viżibbli permezz ta' attivitajiet ta' prominenza.
27. Iżżomm il-proċess ta' konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, permezz tal-Forum Ewropew tal-Films, dwar kif tista' tingħata spinta liċ-ċirkolazzjoni dejjiema ta' kontenut Ewropew li joħroġ minn koproduzzjonijiet u forum oħra ta' kollaborazzjoni transkonfinali, filwaqt li tqis ir-riżultat tad-djalogu mal-industrija awdjoviżiva mħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni Medjatiku dwar kif jista' jittejjeb l-aċċess transkonfinali għal kontenut awdjoviżiv u d-disponibbiltà tiegħu.

B. PROMOZZJONI U PROMINENZA TA' KONTENUT EWROPEW

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAGĦRAF LI:

28. L-aċċess għal kontenut u informazzjoni awdjoviżivi varjati bil-lingwi kollha tal-UE, kif ukoll għal kontenut li ta' min joqgħod fuqu u jafdah, huwa ta' importanza kbira.
29. Il-media tas-servizz pubbliku fl-Ewropa taqdi rwol sinifikanti fis-salvagwardja tal-valuri demokratiċi, l-inkoraġġiment tad-diversità tal-opinjoni u t-titjib tad-disponibbiltà u l-kompetittività ta' kontenut Ewropew, speċjalment meta jintużaw għodod teknoloġiċi innovattivi.
30. Ir-regolamenti dwar il-promozzjoni u l-prominenza ta' kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew huma maħsuba biex jaqdu rwol importanti biex jiżguraw il-pluraliżmu tal-media, iżidu d-diversità kulturali, isaħħu l-kompetittività internazzjonali u jinkoraġġixxu produzzjoni indipendenti.
31. Meta mqabbla ma' modi tradizzjonali ta' distribuzzjoni, jaf ikun iebes għall-konsumaturi li jsibu xogħlijiet Ewropej fuq pjattaformi VOD. Għalhekk huwa importanti li jiġi analizzat is-suq u tiġi evalwata l-effettività tal-miżuri ta' prominenza.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX, FIL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM:

32. Iħaffu t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva⁴ riveduta, peress li l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva ser tikkontribwixxi għat-titjib tal-aċċess online għal xogħlijiet Ewropej.
33. Irawmu d-diskussjoni dwar is-soluzzjonijiet eżistenti u maħsuba għall-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u jippermettu l-qsim tal-aħjar prattika fil-prominenza ta' miżuri ta' xogħlijiet Ewropej skont il-mudelli differenti ta' negozju.
34. Jiżviluppaw il-qsim tal-aħjar prattika u jtejbu l-kooperazzjoni bejn regolaturi awdjoviżivi u organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw il-films.
35. Itejbu u jiffaċilitaw is-sejbien ta' kontenut online legalment disponibbli u kreattiv bil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea, partikolarment permezz ta' għodod online bħal Agorateka⁵, bil-għan li jkun jista' jiġi identifikat faċilment fost firxa vasta ta' kontenut ieħor.
36. Jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' bażijiet ta' data bħal Lumiere VOD⁶ sabiex jiffaċilitaw il-verifika tal-pajjiż ta' oriġini ta' xogħlijiet Ewropej.
37. Irawmu appoġġ kontinwu għad-distribuzzjoni teatrali ta' xogħlijiet Ewropej, fost l-oħrajn l-appoġġ għal distributuri iżgħar u indipendenti għaċ-ċirkolazzjoni ta' diversità kbira ta' films Ewropej, u jappoġġaw il-festivals bħala opportunitajiet effettivi għal kontenut oriġinali u varjat, kemm fil-livell nazzjonali, Ewropew kif ukoll internazzjonali.

⁴ Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ara r-referenza fl-Anness)

⁵ Portal Ewropew tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO): <https://agorateka.eu/ea/About>

⁶ L-ewwel Direttorju online ta' Films Ewropej disponibbli fuq VOD, inniedi mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew fis-16 ta' April 2019 fil-Kunsill tal-Ewropa.

38. Jivvalutaw u jiddiskutu s-sitwazzjoni attwali tax-xogħlijiet Ewropej fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li jqisu l-pożizzjoni fis-suq ta' partijiet ikkonċernati differenti u l-fatturi rilevanti l-oħra kollha (kundizzjonijiet ugwali, speċifitàjiet awdjoviżivi u lingwistiċi f'pajjiżi differenti, id-definizzjoni attwali ta' xogħlijiet Ewropej⁷, eċċ.), bil-għan li jiġi żgurat suq varjat, ġust u bbilanċjat għal xogħlijiet Ewropej.
39. Jirriflettu fuq is-sovranià diġitali u teknoloġika tal-Ewropa, billi jqisu l-fornituri Ewropej eżistenti, u janalizzaw il-valur miżjud ta' pjattaforma Ewropea possibbli, b'kooperazzjoni mal-media tas-servizz pubbliku, li tkun tinkludi kontenut Ewropew mill-Istati Membri li jkun disponibbli għall-akbar numru possibbli ta' ċittadini tal-UE, filwaqt li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali kkonċernati u r-regolamenti attwali dwar il-kompetizzjoni u l-ġhajjnuna mill-istat.
40. Iħeġġu lill-media tas-servizz pubbliku biex jipprovdu opportunitajiet ġodda għal produttori indipendenti fil-ħolqien u l-promozzjoni ta' kontenut Ewropew.
41. Jiżviluppaw u jinkoraġġixxu skemi ġodda għall-promozzjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej maħsuba għat-tfal u ż-żgħażaġh.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

42. Tkompli taqdi rwol attiv fil-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni bla xkiel tad-Direttiva permezz ta' sorveljanza preċiża, attivitajiet ta' rappurtar u appoġġ lill-Istati Membri.
43. Tanalizza s-sitwazzjoni tas-suq awdjoviżiv Ewropew, billi tikkonċentra fuq l-isfidi u l-iżbilanċi ewlenin mill-perspettiva tal-UE u fuq soluzzjonijiet possibbli.

⁷ Kif previst fid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32010L0013&from=MT>

C. SOSTENIBBILTÀ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JISSOTTOLINJA LI:

44. Sabiex jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli tiegħu, is-settur tal-media jrid jibni fuq l-assi tiegħu (bħall-kreattività u d-diversità kulturali); jagħmel il-kontenut disponibbli u viżibbli; u jadatta għall-isfidi u l-opportunitajiet li toffri t-trasformazzjoni diġitali.
45. Pjattaformi u fornituri online, bħala atturi globali fl-ekonomija diġitali, għandhom rwol importanti biex jiżguraw id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u d-distribuzzjoni tal-kontenut. Fl-istess ħin, qed isiru dejjem aktar rilevanti għad-dibattitu demokratiku, id-diversità kulturali, ir-rispett tad-drittijiet u l-valuri fundamentali, il-protezzjoni tal-minuri minn kontenut ta' ħsara, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.
46. Il-ħruġ ta' liċenzji territorjali u esklużiv għadu essenzjali għal-libertà tal-ħolqien, għas-sostenibbiltà u l-finanzjament tas-settur, kif ukoll biex jipprovdi l-bażi għall-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozju.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX, FIL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM:

47. Jippromwovu prattiki ta' ħruġ ta' liċenzji maħsuba biex jiżguraw relazzjoni aktar ekwa bejn fornituri tal-VOD, pjattaformi, produttori indipendenti u detenturi oħra tad-drittijiet tul il-katina tal-valur, u biex irawmu l-iżvilupp ta' miżuri mfassla biex ikun hemm informazzjoni trasparenti u komprensiva dwar l-użu ta' xogħlijiet awdjoviżivi f'servizzi online, fosthom il-possibbiltà ta' aċċess għal data dwar il-viżwalizzazzjonijiet totali u dwar it-territorji.

48. Jippromwovu l-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew, billi jqisu r-rwol li jaqdi l-ħruġ ta' liċenzji territorjali u esklużiv tad-drittijiet fis-sistema ta' finanzjament għal xogħlijiet Ewropej. Il-kwistjoni tal-ħruġ ta' liċenzji għandha tiġi inkluża wkoll bħala parti mid-dialogu mħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni Medjatiku dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi.
49. Jippromwovu u jappoġġaw approċċi ta' finanzjament li jikkonċentraw fuq l-innovazzjoni, it-
tkabbir, it-teknoloġiji u l-istruttura tal-industrija.
50. Jippromwovu aktar l-azzjonijiet rilevanti skont il-Pjan ta' Azzjoni Medjatiku, li jrawmu t-
trasformazzjoni u r-reżiljenza tal-kumpaniji awdjoviżivi u tal-media indipendenti, partikolarment MediaInvest, li għandha l-għan li tagħti spinta lill-investimenti fi produzzjoni u distribuzzjoni awdjoviżivi, kif ukoll l-għodda interattiva li tiggwida lill-kumpaniji tal-media permezz ta' diversi strumenti ta' appoġġ.
51. Jinkoraġġixxu ż-żieda fil-volum ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fil-katalgi fuq talba b'films ta' kwalità li jkopru firxa wiesgħa fejn jidħlu suġġetti u gruppi ta' età, u jevalwaw il-possibbiltà li joħlqu sħubiji pubbliċi-privati għat-tixrid ta' kontenut ta' kwalità għolja fil-livelli nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.
52. Jikkonċentraw fuq l-investiment fir-reżiljenza taċ-ċittadini permezz ta' miżuri għal-litteriżmu diġitali u medjatiku sabiex jiġu promossi l-kisba tal-ġharfien u l-ħsieb kritiku. Dan għandu jagħti s-setgħa lill-utenti biex jidentifikaw kontenut illegali u diżinformazzjoni, kif ukoll jifhmu kif jaħdmu l-għodod ta' rakkomandazzjoni li jużaw l-algoritmi u jgawdu mill-possibbiltà tas-sejbien tal-kontenut.
53. Isaħħu u jtejbu t-taħriġ ta' professjonisti u kumpaniji sabiex jgħinuhom jadattaw għall-mudell ta' ħolqien u distribuzzjoni li qed jinbidel fil-kuntest ta' sistemi mħaddma minn intelliġenza artifiċjali (IA), u biex irawmu l-proċessi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet.

54. Jippromwovu u jappoġġaw il-possibbiltajiet ġodda li toffri l-ekonomija diġitali għad-distribuzzjoni tal-kontenut b'attenzjoni speċjali għal bilanċ ġust bejn l-iżvilupp ta' sistemi tal-IA u l-użu minnhom tal-kontenut biex jiggarantixxu l-kompetittività kemm tas-settur tal-IA kif ukoll tas-settur awdjoviżiv u tal-media. F'dan il-kuntest, jiżguraw kundizzjonijiet ugwali bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti, u jgħinu lis-settur awdjoviżiv u tal-media jirnexxi mingħajr ma jxekklu d-dinamika tal-innovazzjoni.
55. Jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu l-aċċess għal kontenut awdjoviżiv illegali fil-livell nazzjonali u tal-UE, u biex jistabbilixxu infurzar online effettiv kontra l-ksur fuq skala kummerċjali.
56. Jieħdu l-miżuri meħtieġa biex is-settur tal-media jkun jista' jaħtaf l-opportunitajiet li joffri l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Liġi Ewropea dwar il-Klima.
57. Jiddiskutu l-inizjattivi ta' politika possibbli marbutin mal-qafas għar-reklamar fuq l-internet sabiex jiżguraw regoli ġusti għar reklamar fuq l-internet u r-reklamar tradizzjonali fir-rigward tal-kontenut awdjoviżiv u tal-media.
58. Iħarsu l-indipendenza tal-organizzazzjonijiet tal-media u jieħdu miżuri, kif xieraq, biex jiggarantixxu t-trasparenza u l-pluraliżmu fis-settur tal-media.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

59. Tħaffef il-piż amministrattiv marbut mal-aċċess għall-fondi għal kontenut Ewropew, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ ir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali (ĠU C 457/2, 19.12.2018)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib fiċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, b'enfasi fuq il-koproduzzjonijiet (ĠU C 192, 7.6.2019)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika (ĠU C 422, 7.12.2020)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel 2020/C 193/06 (ĠU C 193, 9.6.2020)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni" 2021/C 210/01 (ĠU C 210, 3.6.2021)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022 (ĠU C 460, 21.12.2018, p. 12)

Atti leġiżlattivi

- Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, DSMAV)(L 303, 28. 11. 2018)
- Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (L 189/34, 28.5.2021)

Komunikazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni, COM(2020) 784 final
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Dwar il-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea, COM(2020) 790 final
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa, COM(2020) 67 final
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE Pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE. COM(2020) 760 final

Inizjattivi tal-Parlament Ewropew

- Rapport dwar l-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni, fil-kultura u fis-settur awdjoviżiv (2020/2017 (INI))

Studji tal-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew

- Yearbook 2020/2021 Key Trends, Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew (Kunsill tal-Ewropa), Strasburgu

Kunsill tal-Ewropa

- Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Koproduzzjoni Ċinematografika, 1992